MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2012

Appell Kriminali Numru. 470/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Elton Taliana)**
**Vs**
**Raymond Parnis**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-13 ta' Settembru, 2008, ghall-habta tal-05.15 hrs, fi Triq San tumas Chetcuti, Attard u/jew f'dawn il-Gzejjer Maltin volontarjament

1. kisser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u storbju;
2. hedded bi kliem lil mara tieghu Maria Parnis;
3. bl-imgieba tieghu kkaguna lill-imsemmija persuna biza' li ser tintuza vjolenza kontriha, meta hu kien jaf jew missu kien jaf li dik l-imgieba se tikkagunalha biza;

4. gab ruhu b'tali mod li ta fastidju lill-imsemmija persuna b'mod li kien jaf jew missu kien jaf li dan kien ta' fastidju ghal persuna ta' Maria Parnis;
5. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi m'obdix l-ordnijiet legittima mal-Pulizija PS 3, persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku;
6. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura b'numru tar-registrazzjoni CBO 256 ta' l-ghamla Mercedes b'manjiera traskurata, perikoluza, w bla kont;
7. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll ta' l-istess vettura fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew droga;
8. irrifjuta jew naqas milli jaghti skond il-ligi kampjun tan-nifs jew kampjun ta' l-urina;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-1 ta' Dicembru, 2009, li biha, wara li rat l-artikolu 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hat ital-hames akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u kkundannatu ammenda ta' sitta w hamsin Euro (€56).
Iddikjarat lill-appellant mhux hati tas-sitt u s-seba' akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement illiberatu mill-istess akkuzi.
Wara li rat l-artikolu 15E(4) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati tat-tmien akkuza migjuba fil-konfronti tieghu w ikkundannatu multa ta' mitejn Euro (€200) u skwalifikatu milli jzomm jew jottjeni licenzja ta' sewqan ghal zmien sitt xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-14 ta' Dicembru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma, tvarja u tibdel is-sentenza appellata w dan billi filwaqt li tikkonferma dawk il-partijiet tas-sentenza appellata fil-parti fejn issib lill-appellant mhux hati tal-ewwel, it-tieni, t-tielet, ir-raba', s-sitt u s-seba imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu kif ukoll tal-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant hati tal-hames imputazzjoni u infliggiet piena ta' sitta w hamsin Euro (€56), thassar u tirrevoka l-parti tas-sentenza li fiha l-appellant instab hati tat-tmien imputazzjoni u gie kkundannat ihallas multa ta' mitejn Euro (€200) u sitt xhur

sospensjoni tal-licenzja w konsegwentement tilliberah minn din il-htija w dan skond dawk il-provvedimenti li l-qorti jidhrilha xierqa w opportuni.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi huwa ben maghruf u stabilit li fejn ikun hemm rifjut da parti ta’ persuna li tissottometti ruhha ghall-ezami tan-nifs (breathalyser test) dan ir-rifjut meta jsir fil-konfront ta’ dak li huwa maghruf bhal ir-road side test, dan jaghti biss lok ghall-arrest tal-persuna u ma hux ir-reat kontemplat fil-ligi, billi dan jissusisti biss meta ir-rifjut isir fil-laboratorju fejn jinsab l-equipment pre ordinat mill-ligi sabiex isir it-test (il-kwartieri Generali tal-Pulizija).

Illi f’dan il-kaz johrog car li l-appellant ittiehed biss sal-ghassa tal-Pulizija ta’ Birkirkara, w minn hemm insegwitu intbaghat id-dar semmaj, jekk il-persuna ma kienx fi stat li jsuq, dan lanqas messu thalla jitlaq bil-karozza.

Ghaldaqstant is-sejbien ta’ htija ma hux konfortat bil-ligi u lanqas bil-fatti.

2. illi galadarba ma jirrizultax sewqan perikoluz billi minn dawn l-akkuzi gie liberat, u galadarba ma kienx hemm rifjut ghat-test tal-breathalyser skond il-ligi, ma kienx hemm lok ghall-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan.

Il-Qorti rat is-sentenza preliminari taghha tal-4 ta’ Marzu 2011 fejn idderemiet kwistjoni ta’ nullita` imqajjma mid-difiza wara zball waqt it-traskrizzjoni tas-sentenza.

Semghet it-trattazzjoni tal-Avukat difensur u tal-ufficjal prosekutur.

Ikkunsidrat :

Irrizulta mill-provi fil-lejl ta' bejn it-12 u t-13 ta' Settembru 2008 l-appellant kellu incident ma' martu, liema incident kien serju bizzejjed sabiex tissejjah il-Pulizija.

PS 3 li mar fuq il-post jghid illi ra lill-appellant ipparkjat quddiem id-dar matrimonjali. Qallu biex jieqaf jargumenta ma' martu izda l-appellant dahal fil-karozza tieghu u saq. Meta l-Pulizija waqfuh PS 3 jghid illi l-appellant hareg mill-karozza u kellu riha impressjonanti ta' xorb. Fil-karozza kien hemm nofs flixkun tal-litru imbid filwaqt illi fil-but ta' wara kien hemm iehor vojt. PS 3 cempel lil tal-mobile li ghandhom l-apparat tal-breathylizer izda meta gew l-appellant irrifjuta li jiehu t-test. Il-Pulizija ma haduhx id-Depot tal-Pulizija izda l-ghassa tad-distrett ta' Birkirkara fejn gie mizmum ghal xi hin u wara rrilaxxat u mar lura d-dar.

Ikkunsidrat :

Fl-isfond ta' dawn ir-rizultati proceswali d-difiza qeghda targumenta illi l-appellant ma setgha qatt jigi misjub hati tat-tmin akkuza, dik illi huwa rrifjuta li jsir it-test peress illi dan ma giex offrut lilu kif titlob il-ligi.

Kif tajjeb osserva l-appellant, meta persuna tirrifjuta li tissottometti ruhha ghall-ezami tan-nifs, f'dak illi huwa maghruf "ir-roadside test" dan jaghti lok ghall-arrest tal-persuna u mhux ghar-reat kontemplat fil-ligi. Ir-reat jigi kkunsmat meta dak li jkun jittiehed fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija fejn hemm l-apparat ordnat mill-ligi u f'dak l-istadju jirrifjuta illi jiehu l-ezami. F'dan il-kaz johrog car illi l-appellant ittiehded biss l-ghassa ta' Birkirkara u minn hemmhekk intbaghat id-dar.

Teknikament ghalhekk ladarba ma giex offrut l-ezami fil-laboratorju fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija l-appellant ma setghax jinstab hati tat-tmin imputazzjoni. [ara wkoll Il-Pulizija vs Julian Sciberras App. Krim. 13-03-01].

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta` u tiddeciedi illi tilqa` l-appell, tkkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant mhux hati tal-ewwel, it-tieni, t-tielet, ir-raba`, s-

sitt u s-seba` imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, tkkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant hati tal-hames imputazzjoni u tirrevokaha fejn sabet lill-appellant hati tat-tmin imputazzjoni u minflok tiddikjarah mhux hati ta’ dik l-imputazzjoni u minnha tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------